# L-AKKADEMJA TAL-MALTI

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

## Stqarrija mill-Akkademja tal-Malti fuq l-għarfien tal-Malti tal-impjegati

Filwaqt li l-Akkademja tal-Malti temmen li l-Maltin għandu jkollhom għarfien tajjeb tal-Malti u tal-Ingliż biex ikunu jistgħu jwettqu ħidmiethom bl-aħjar mod possibbli u skont dak li jitlob minnhom ix-xogħol tagħhom, tixtieq tesprimi t-tħassib tagħha dwar kriterji li qed jintużaw biex jiġu ingaġġati ħaddiema ġodda.

Bosta lmentaw mal-Akkademja li l-intervisti ta' numru kbir ta' kumpaniji hawn Malta qed isiru bl-Ingliż biss. L-Akkademja tisħaq fuq l-importanza tal-Ingliż, speċjalment għal ċerti xogħlijiet, imma temmen ukoll fl-importanza tal-Malti. L-Akkademja tinnota b'dispjaċir li diversi nies li qed jiġu ingaġġati biex ibigħu prodotti jew jagħtu servizzi hawn Malta ma jafux jikkomunikaw bil-Malti u jippretendu li jkunu l-Maltin li jkollhom jippruvaw jfiehmu ħtiġijiethom bil-lingwi tal-impjegati.

Għaldaqstant l-Akkademja tal-Malti titlob lill-awtorijiet responsabbli biex jaraw b'urġenza li kull min qed joffri impjieg jitlob li l-impjegati għandu jkollhom għarfien xieraq l-ewwel u qabel kollox tal-Malti. Titlob ukoll lill-Gvern biex jikkunsidra li joħloq korsijiet obbligatorji għall-barranin li jgħixu u jaħdmu Malta biex jitgħallmu l-Malti kif qiegħed jiġri diġà fil-qasam tas-saħħa.

Sergio Grech
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi

15.04.2019

---

President – Prof. Albert Borg | Viċi President – David Agius Muscat | Segretarju – Joseph P. Borg | Teżoriera – Phyllis Debono
Assistent Segretarju – Reno Fenech | Assistenta Teżoriera – Ann Marie Schembri
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi – Sergio Grech
Membri – Charles Casha, Dr George Farrugia, Rita Saliba, Dr Olvin Vella